**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-lum 16 ta' Novembru 2015

Appell Nru: 557/2013

Il-Pulizja

(Spettur Victor Aquilina)

-vs-

Raymond Abela

*Omissis*

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Raymond Abela, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 529879M u, … *omissis*, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-16 ta' Lulju 2013, kif ukoll fix-xhur ta qabel fil-garaxx taghhom 'Peppin Garage' Ltd., Triq il-Qattus, Ghaxaq;

1) Ghamlu attivita kummercjali ta' mekkanik ta' vetturi minghajr ma kellhom ebda permessi mahruga f'isimhom minn Awtorita kompetenti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha sabet lill-appellant Raymond Abela  hati ta' ezercizzju ta' attivita' kummercjali ta' mekkanik ta' vetturi minghjar ma kellu ebda permess mahrug f'ismu minn Awtorita' kompetenti u wara li rat l-artikolu 2, 10 u 18 tal-Kap 441  kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' Euro 116.47 u fl-istess waqt  lliberat lill-ko-akkuzat l-iehor.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu  talab lil din il Qorti tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1) Illi fl-att tac-citazzjoni giet indikata data inezistenti u ghaldaqstant l-appellant ma setgha qatt jinstab hati tal-akkuza;
2) Illi ma giex ippruvat li l-appellant kien qieghed jaghmel attivita' kummercjali ta' 'mekkanik' stante li meta l-pulizija marru fuq il-post lanqas biss kien qieghed hemm.
3) Illi l-element kummercjali ma giex ippruvat peress li mill-provi ma rrizultax li jekk kien hemm xi vetturi f'dan il-garage dawn kienu ta' terzi u dawn kienu ghat-tiswija versu pagament;
4) Illi dan il-garage jintuza biss sabiex jiddahlu l-vetturi tal-appellant u ghaldaqstant anke jekk ghall-grazzja tal-argument ghamel xi tiswijiet fuqhom, qatt ma seta' jinstab hati tal-akkuza kif giet dedotta. Dan qieghed jintqal ghax l-ebda persuna ma ghandha bzonn permess mahrug minn l-awtorita'

kompetenti biex issewwi l-vettura taghha personali gol-garaxx taghha personali.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju jirtratta dwar in-nullita tal-akkuza fuq il-premessa illi l-imputat qatt ma setgha jkun misjub hati fuq fatt li sehh fis-16/0713. L-appellant isostni illi l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi li c-citazzjoni ghandha tindika *inter alia* iz-zmien li fih allegatament sehh l-fatt attribwit lill-akkuzat. Naturalment dwar dak ravvizat fl-artikolu appena citat, dan huwa palezi ghaliex hekk jezigi l-istess artikolu 360(2) ta' dan il-Kap. Il-Qorti, izda, ser tghaddi sabiex tichad dan l-aggravju ghaliex minn ezami tal-akkuza jemergi illi fid-dattilografar taghha l-prosekuzzjoni bi zvista indikata id-data tal-akkadut bhala 16/0713 minflok 16/07/13 u fil-fehma tal-Qorti l-eliminazzjoni ta' zbarra fid-data ma hi ta' ebda konfort fit-tezi tal-appellant u ma tirraviza ebda nullita' fic-citazzjoni. Kif juri l-affidavit mressaq mill-prosekuzzjoni, l-ilment tal-kwerelanti kien dwar is-16 ta' Lulju 2013 u l-fatt illi din kienet rapprezentata bhala 16/0713 minflok 16/07/13 ma jimporta ebda nullita kif pretiz mill-appellant. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed ikun michud;

Kwantu l-aggravji enumberati 2 sa 4, dawn jistghu jkunu konsiderati flimkien bhala aggravju wiehed stante illi huma essenzjalment marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmulha mill-Ewwel Qorti. L-kawza quddiem l-Ewwel Qorti kienet inizzjata fuq istanza ta' certu Mark u Petula Xerri li kienu lmentaw mal-Puliizja dwar storbju u irwejjah ta' spray li kienu gejjin mill-garage ta' tahthom. Wara spezzjoni mill-Pulizija, l-appellant flimkien ma' imputat iehor kienu akkuzati b'gestjoni ta' xoghol ta' mekkanik minghajr il-permess mehtiega. Din il-Qorti regghet semghet il-provi mill-gdid la darba l-

provi ma kienux kompilati quddiem l-Ewwel Qorti izda l-Avukat Generali rrinunzja ghax-xhieda principali tieghu igifieri l-kwerelanti Mark u Petula Xerri u dan jidher illi sar peress illi ma kienx ghad kellhom interes fl-ezitu tal-proceduri la darba ma baqghux jirrisjedu hemm konsegwenza li kienu bieghu l-fond taghhom lill-appellant. Bhala konsegwenza, din il-Qorti tista' tistrieh biss fuq ix-xhieda tal-ufficjal tal-Pulizija li ghamel spezzjoni fuq il-post liema xhieda hija fil-forma ta' affidavit kif ukoll dik tar-rapprezentant tal-Ufficcju Tal-Licenzji dwar Kummerc. Dan tal-ahhar xehed quddiem din il-Qorti illi l-imputat ma ghandu l-ebda licenza mahruga f'ismu sabiex jezercita negozju ta' mekkanik;

PS 1386 xehed illi fuq rapport tal-kwerelanti huwa acceda fil-fond tal-appellant fejn sab zewg persuna li ma kienux l-appellant u l-ko–imputat l-iehor li kellhom hwejjighom u idejhom mcappsin b'xi zjut "u kien evidenti li kienu qed jghamlu xoghol ta' mekkanik". L-appellant, mitkellem mill-Pulizija, kien nnega li kien qed isir dan ix-xoghol fil-fond in kwisjtoni izda sostna li kien qed isir xoghol ta' mekkanik fuq barra u b'dan il-Qorti tifhem f'post iehor li ma kienx il-garage in kwistjoni. Issa kif gia senjalat *supra*, u ghar-ragunijiet hemm indikati, din il-Qorti ma kellhiex il-beneficcju li tisma' hi stess lill-kwerelanti u l-verzjoni taghom mhix registrata in atti. Kif tajjeb irreleva d-difesnur tal-appellant fis-sottomissjonijiet tieghu, l-ufficcjal tal-Pulizija ma semma xejn dwar jekk kienx hemm xi vetturi fil-garage in kwistjoni u la darba dan hu hekk huwa dezumibbli li ma kien hemm l-ebda vettura. Isegwi ghalhekk li jkun mistoqsi fuq liema vettura kienu qed jahdmu dawn iz-zewg persuni u jekk jirizulta, allura ta' min kienet din il-vettura jew vetturi. Inoltre, l-fatt illi z-zewg persuni hemm prezenti kellhom hwejjighom u idejhom mcappsa biz-zejt jista' jkun dovut ghal dak li l-appellant spjega lill-Pulizija meta qalu li dawn kienu xoghol fuq barra. Fi kliem iehor u mill-fatti ghad-disposizzjoni ta' din il-Qorti, ma kien hemm xejn li jorbot lil dawn iz-zewg persuni, u allura lill-appellant, ma' gestjoni ta' negozju ta' mekkanik mill-fond in mertu;

Ghalhekk l-appell qed ikun milqugh u filwaqt illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u qed tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.